# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001

**Numru 2**

**Cit. Nru. 5/96**

**Brian Zammit u Carmelo Zammit u Concetta sive Connie Zammit**

**vs**

**Tivoli Caterers Company Limited**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fit-28 ta' Gunju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidieti l-kawza fl-ismijiet premessi b'sentenza li fiha filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, laqghet it-talba attrici kif dedotta fl-ammont mitlub ta' Lm32,000 u ghalhekk ikkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas dan l-

ammont flimkien ma' l-imghax kif mitlub sal-hlas effettiv, kif ukoll li thallas, interament hi, il-kap ta' l-ispejjez.

## Appell

Is-socjeta' konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors ta' l-appellipprezentat fit-13 ta' Lulju, 1999. Ir-risposta ta' l-appell giet ipprezentata fis-27 ta' Lulju ta' l-istess sena, waqt li din il-Qorti b'digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2000, appuntat l-ewwel smiegh tal-kawza ghad-29 ta' Jannar, 2001.

## Avvizi

Wara l-ghoti ta' dan id-digriet ir-Registratur tal-Qrati ddetermina l-kawtela in garanzija tal-hlas ta' l-ispejjez li kellu jaghmel l-appellant nomine u nhargu l-avviz relativi. Is-socjeta' konvenuta giet notifikata bit-tahrika ghas-smiegh tal-kawza u bl-avviz skond l-artikolu 209 u 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' l-14 ta' Novembru, 2000 kif jidher mir-riferta ta' l-ufficjal tal-Qorti ta' l-istess data.

**Id-depozitu bhala garanzija ghall-ispejjez tal-kawza**

Jirrizulta mill-atti li l-kawtela ghall-hlas ta' l-ispejjez li kellha tigi, skond il-ligi, depozitata fir-Registru tal-Qrati Superjuri "sa mhux aktar tard minn gurnata qabel id-data tas-smiegh ta' l-appell", kiene ghadha ma gietx hekk depozitata sat-28 ta' Janar, 2000. Jirrizulta li kien il-jum tal-Hadd lejliet l-ewwel jum tas-smiegh ta' l-appell degretat minn din il-Qorti.

**Rikors tas-socjeta' appellanti**

Fit-28 ta' Jannar, 2001, is-socjeta' appellanti pprezentat rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili li bih, wara li ppremettiet "li tehtieg li tikkawtela d-dritt dovut ghas-smiegh ta' l-appell fl-ismijiet fuq premessi" – sic et simpliciter – talbet li dik il-Qorti, u cioe' il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tordna l-ftuh tar-Registru wara l-hinijiet legali sabiex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tghaddi ghad-depozitu ta' l-imsemmija kawtela skond il-ligi. Dik il-Qorti fl-istess jum laqghet dik it-talba. Is-socjeta' appellanti allura ghamlet rikors iehor quddiem l-istess Qorti fl-atti ta' l-appell taht ezami li jaqra hekk: "Illi l-esponenti pprezentat rikors ta' l-appell fl-ismijiet fuq premessi, liema appell huwa appuntat ghas-smiegh fid-29 ta' Jannar, 2001; Billi s-socjeta' esponenti skond il-ligi ghadha fit-terminu sabiex taghmel il-garanzija ghall-ispejjez, il-kawtela ghas-smiegh ta' dan l-appell, ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-

rispett li din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tghaddi biex tiddepozita "cheque" hawn anness tl-ammont ta' Lm1516 in kawtela ghas-smiegh ta' l-appell fuq imsemmi skond il-ligi".

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rat dan ir-rikors u laqghet it-talba "bla pregudizzju".

**L-eccezzjoni tad-dezerzjoni**

Fl-ewwel dehra li fih din il-Qorti ttrattat dan l-appell, l-appellat irrileva li d-depozitu ta' kawtela sar wara talba ghall-ftuh tar-Registru u wara li kienu skadew il-hinijiet legali u, konsegwentement, issottometta illi d-depozitu kien irritwali. Hu eccepixxa id-dezerzjoni ta' l-appell. Fuq dan il-punt ta' irregolarita' tad-depozitu li din il-Qorti kellha, qabel xejn, tiddeciedi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tal-konsulenti tal-kontendenti dwar dan l-aspett tal-vertenza, u rat in-noti ta' osservazzjonjiet minnhom sottomessi. L-atti processwali, ezaminati mill-qrib, juru irregolaritajiet serji li jwasslu ghan-nullita' tal-procedura li bih giet depozitata l-kawtela. Irritwalita' procedurali li ma tistax fil-ligi tigi sanata.

Din il-Qorti ser tillustra xi uhud minn dawn l-irregolaritajiet:-

a) Ghandu jkun pacifiku illi l-garanzija in kawtela ta' l-ispejjez ta' l-appell tifforma parti ntegrali mill-proceduri ta' revizjoni, tant li l-Qorti ta' l-Appell, jekk meta tissejjah il-kawza jinstab li ma tkunx saret tali garanzija, kif provdut fl-artikolu 249 tal-Kap 12, kellha minnufih tghaddi biex tiddikjara l-appell dezert. Lanqas seta' jkun hemm dubju li mal-prezentata tar-rikors ta' l-appell, l-atti tal-kawza kienu ghaddew fil-kompetenza ta' din il-Qorti u l-Prim'Awla ma jkunx baqghalha gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' atti fir-rigward ta' dak il-process. Hu ghalhekk diga' konceptwalment skorrett illi jigu prezentati proceduri ghall-ftuh tar-Registru ghad-depozitu tal-kawtela quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti ta' kawza pendenti quddiem din il-Qorti.

b) Gie ritenut qabel l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 – imma l-hsieb guridiku jibqa' l-istess, nehhi ghall-mument sa meta setghet tigi prezentata l-garanzija – fir-rigward tal-principju illi l-ligi kienet tiddisponi li l-ebda petizzjoni ta' appell ma setghet tigi konsidrata jekk ma tkunx akkumpanjata bil-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza:- "it-terminu ghall-prezentazzjoni ta' din il-garanzija hu perentorju u m'huwiex prorogabbli b'mod li l-<u>prezentazzjoni tar-rikors ta' l-appell minghajr il-prezentazzjoni (allura kontemporanja) tal-garanzija</u>, igib il-konsegwenza li r-rikors

jitqies bhallikieku l-att ma gietx prezentat. Kull garanzija li tinghata wara ma tistax tissana d-difett fatali ta' qabel ghax tkun garanzija rigwardanti rikors guridikament inezistenti". Hu allura ovvju li l-proceduri tentati mill-appellant biex jipprova jissodisfa l-obbligu tieghu li jikkawtela in extremis l-appell minnu prezentat kellhom bilfors isiru quddiem din il-Qorti. Kienet biss din il-Qorti li setghet tikkonsidra talba kemm ghall-ftuh tar-registru, ghall-fini li jsir id-depozitu, kif ukoll li effettivament tawtorizza lill-appellant li jaghmel id-depozitu fit-termini ta' l-artikoli 209 u 249 tal-Kap 12. L-irritwalita' tal-procedura hi anke minn hawn diga' apparenti.

c) Is-subinciz (2) ta' l-artikolu 249 imbaghad, jipprovdi illi l-garanzija kellha tkun fis-somma stabbilita mir-Registratur u kellha ssir, jew billi jigu depozitati flus likwidi, jew billi tinhareg garanzija bankarja ta' Bank li jkollu licenzja skond l-Att dwar il-Kummerc Bankarju skond l-iskeda (c) li tinsab mal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili. Mill-atti quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li din il-kondizzjoni giet sodisfatta mis-socjeta' appellanti. Infatti mir-rikors tat-28 ta' Jannar, 2001 gie "depozitat cheque hawn anness fl-ammont ta' Lm1516 in kawtela ghas-smiegh ta' l-appell fuq imsemmi skond il-ligi". La gew depozitati flus likwidi u lanqas giet depozitata garanzija bankarja skond kif kienet tesigi l-ligi fid-disposizzjoni appena citata. Bizzejjed jinghad li l-garanzija bankarja kellha tingieb a konjizzjoni tal-kontro-parti, soggetta ghall-

iskrutinju taghha propju biex jigi stabbilit jekk jissodisfax ir-rekwiziti tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 249. Jidher li xejn minn dan ma sar mis-socjeta' appellanti li ghazlet li tannetti cheque mar-rikors u b'hekk qieset li sar id-depozitu in sodisfazzjon ta' dak li trid il-ligi ta' procedura. Cheque li kien wiehed personali u lanqas ma kien draft bankarju. Anke hawn l-irritwalita' hi manifesta u bl-ebda mod ma setghet tigi sanata..

Hu allura ghal kollox superfluwu li din il-Qorti tinoltra ruhha f'dibattitu fl-aspetti ta' interess legali notevoli, sollevati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti, fir-rigward ta' meta u sa meta seta' jsir id-depozitu tal-kawtela. Dan ghaliex ikun x'ikun l-ezitu tad-deliberazzjoni ta' din il-Qorti, dan bl-ebda mod ma seta' jissana l-irritwalita' fondamentali ta' l-atti li bih id-depozitu nnifsu gie ezegwit mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tad-dezerzjoni sollevata mill-appellati, tiddikjara l-appell dezert billi ma kienx munit bil-garanzija tal-kawtela ta' l-ispejjez skond kif tipprovdi l-ligi, u tordna l-kancellament tieghu minn fuq il-lista. Spejjez jithallsu mis-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mm